StudentBounty.com

# L-EŻAMIJIET ANNWALI
# TAL-*JUNIOR LYCEUM* U L-ISKOLA SEKONDARJA 2011

Id-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IL-ĦAMES KLASSI IR-RELIĠJON IL-ĦIN:Siegħa u tliet kwarti**

**L-Isem:** ___________________________ **Il-Klassi:** ___________

**TAQSIMA 1** **(10 marki)**

**Imla l-vojt bil-kelma t-tajba mil-lista t'isfel:**



**L-annimali** wkoll huma _____________ t'Alla. Hu jipprovdilhom għall-_________________ tagħhom. Bil-ħajja sempliċi tagħhom ibierku u ________________ 'l-Mulej. Il-bnedmin ukoll għandhom jieħdu ħsiebhom u juruhom__________________. Alla ried jafda l-annimali lill-bniedem li hu ħalaq __________________ tiegħu. Il-bniedem jinqeda bihom għall-ħtiġijiet ġusti tiegħu. Imma hu kontra d-_______________ tal-bniedem li taħqar jew ________________ l-annimali bla bżonn bħal meta wieħed jagħmel dan għall-gost jew għal-_____________. L-annimali għandna nħobbuhom u nevitawlhom _________________ bla bżonn. Niftakru, iżda, li ma jixraqx li l-bniedem itajjar flejjes kbar fl-annimali, flejjes kbar li jistgħu jintużaw ħa jerfgħu l-bnedmin mill-ġuħ u l-_________________ li fiha jinsabu. (K.K.K. par 2415-2418)

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **toqtol** | **xbieha** | **tjieba** | **tbatija** | **logħob** |
| **ħolqien** | **jfaħħru** | **miżerja** | **ħtiġijiet** | **dinjità** |
| ~~**L-annimali**~~ | | | | |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**TAQSIMA 2** **(10 m**

**Kompli dawn is-sentenzi bil-kliem t'hawn isfel kif muri fl-eżempju pprovdut:**

| | |
|---|---|
| **Eż 1. Bħala bnedmin maħluqin fuq ix-xbieha t'Alla** | **aħna kollha għandna d-dinjità tagħna.** |
| 2. Wieħed iħossu stmat meta jħossu maħbub, għax min iħobbok | |
| 3. "Ma tafux li ġisimkom hu tempju tal-Ispirtu s-Santu | |
| 4. Il-kelma '*Messija*' (bil-Lhudi) u l-kelma '*Kristu*' (bil-Grieg) jfissru | |
| 5. Is-sagrament tal-Griżma tal-Isqof | |
| 6. Fil-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni Ġesù nbidel quddiem l-appostli u | |
| 7. Ġesù jrid li aħna mhux biss ma nagħmlux ħsara lil ħaddieħor | |
| 8. L-abort u l-ewtanasja jmorru kontra | |
| 9. Enċiklika hija | |
| 10. Fis-sagrament taż-Żwieġ il-miżżewġin ikunu qegħdin jissieħbu | |
| 11. Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu | |

| | | |
|---|---|---|
| m'Alla permezz tal-imħabba ta' bejniethom. | l-kmandament "La Toqtolx". | ~~aħna kollha għandna d-dinjità tagħna~~ |
| deher flimkien ma' Mosè u Elija. | ikun qiegħed jgħidlek bil-fatti li fik qiegħed jara valur. | jagħmilna Nsara maturi. |
| iżda jridna ngħinu u nkunu ta' ġid għall-oħrajn. | li jinsab fikom, li għandkom minn Alla?" | ittra miktuba mill-Papa biex iwassal tagħlim lill-Insara tad-dinja kollha. |
| u jsiru ġisem wieħed. | l-Midluk. | |

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**TAQSIMA 3** **(1[illegible]**

**Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:**

Alla waħdu Hu l-ħaj li minnu tiġi kull ħajja oħra: il-ħajja tal-ħxejjex, il-ħajja tal-ħut u tal-għasafar, il-ħajja tal-annimali, fuq kollox, il-ħajja tal-bniedem. Fil-Bibbja nsibu li l-ħajja hija rigal mogħti minn Alla nnifsu lill-bniedem. Il-bniedem għalhekk irid jgħożż dan ir-rigal tal-ħajja afdat f'idejh; u mhux biss irid iħarsu u jieħu ħsiebu, iżda jrid ikabbru u jġibu 'l quddiem. Il-ħajja tal-bniedem laħqet il-milja tagħha bil-miġja ta' Ġesù Kristu Salvatur.



1. Min hu s-Sid tal-ħajja u tal-mewt?

_______________________________________________ (*marka*)

2. Fejn laħqet il-milja tagħha l-ħajja tal-bniedem?

_______________________________________________ *(marka)*

3. Semmi **<u>żewġ</u>** raġunijiet għaliex huwa dnub gravi meta xi ħadd iwettaq omiċidju?

_______________________________________________ *(marka)*

_______________________________________________ *(marka)*

4. Semmi **<u>żewġ</u>** effetti negattivi li tista' tħalli l-*media* dwar ir-rispett lejn il-ħajja tal-bniedem.

_______________________________________________ *(marka)*

_______________________________________________ *(marka)*

5. Ħafna persuni ma jaċċettawx il-piena kapitali. X'inhi l-***piena kapitali***?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

6. Spjega xi jfissru dawn il-kelmiet:

a. Ġenoċidju

____________________________________________________________ *(marka)*

b. Kontraċezzjoni

____________________________________________________________ *(marka)*

ċ. Abort

____________________________________________________________ *(marka)*

7. X'tgħallem il-Knisja dwar l-abort?

____________________________________________________________

____________________________________________________________ *(2 marki)*

8. Xi jkun qed jagħmel pazjent li jitlob Ewtanasja Volontarja?

____________________________________________________________ *(marka)*

9. Semmi **<u>żewġ</u>** modi ta' kif int tista' tieħu ħsieb saħħtek.

____________________________________________________________ *(marka)*

____________________________________________________________ *(marka)*

10. Semmi Għaqda jew Dar tal-Knisja f'Malta jew Għawdex li
(i) tagħmel xogħol ma' min waqa' fil-vizzju tad-droga.

____________________________________________________________ *(marka)*

(ii) taħdem ma' persuni b'diżabbiltà.

____________________________________________________________ *(marka)*

**TAQSIMA 4** **(32 marka)**

**<u>Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet:</u>**

1. Agħti **<u>żewġ</u>** tifsiriet għas-simbolu tal-ilma li jintuża fil-Magħmudija.

____________________________________________________________ *(marka)*

____________________________________________________________ *(marka)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Semmi **tliet** effetti tal-Magħmudija fuq dawk li jirċevuha.

______________________________ (marka)

______________________________ (marka)

______________________________ (marka)

3. X'inhu Battisteru?

______________________________ (marka)

4. Għalfejn is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof jissejjaħ ukoll Sagrament tal-Konfermazzjoni?

______________________________ (marka)

5. X'atteġġjament għandu jkollu n-Nisrani lejn il-flus?

______________________________

______________________________ (2 marki)

6. Liema hu l-veru suċċess li Ġesù qiegħed jipproponi lil min jimxi warajh?

______________________________ (marka)

7. Semmi mezz kif in-Nisrani għandu jifforma l-kuxjenza tiegħu.

______________________________ (marka)

8. Spjega għalfejn lil Marija nsejħulha Omm Alla.

______________________________

______________________________ (2 marki)

9. Agħti **żewġ** eżempji ta' kif il-bniedem qiegħed jeqred l-ambjent li ħalaq Alla.

______________________________ (marka)

______________________________ (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

10. Agħti **żewġ** eżempji ta' kif il-bniedem għandu jieħu ħsieb u jiżviluppa l-ambjent skont il-pjan t'Alla.

_______________________________________________ *(marka)*

_______________________________________________ *(marka)*

11. Semmi (a) enċiklika dwar it-tagħlim soċjali tal-Knisja u (b) għid min kitibha.

(a) _______________________________________________ *(marka)*

(b) _______________________________________________ *(marka)*

12. Semmi **tliet** skopijiet tax-xogħol fil-ħajja tal-bniedem.

_______________________________________________ *(marka)*

_______________________________________________ *(marka)*

_______________________________________________ *(marka)*

13. Semmi **tliet** dmirijiet li l-ħaddiem għandu fuq il-post tax-xogħol tiegħu.

_______________________________________________ *(marka)*

_______________________________________________ *(marka)*

_______________________________________________ *(marka)*

14. L-imħabba sħiħa hija mibnija fuq ***Agape***, ***Eros*** u ***Filija***. Fisser il-kelmiet:

Agape - _______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

Filija - _______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

Eros - _______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

15. Min huma l-Ministri fis-Sagrament taż-Żwieġ?

_______________________________________________ *(marka)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**TAQSIMA 5**

**<u>Agħżel MISTOQSIJA minn dawn it-tlieta li ġejjin (1a, b, ċ, d JEW 2a, b, ċ, d JEW 3a, b, ċ,)</u>.**

1. **"Tibżax Marija, għax inti sibt grazzja quddiem Alla. Ara, int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmieh Ġesù." (Lq. 1, 30)**



***Wieġeb f'madwar 250 kelma dawn il-mistoqsijiet:***

a. Irrakkonta fi kliemek ġrajja fejn Marija telqet lilha nnifisha kompletament f'idejn Alla.

b. Fisser għaliex lil Marija nsejħulha:
(i) Dejjem Verġni
(ii) L-Immakulata Kunċizzjoni
(iii) L-Assunta, jew Santa Marija

ċ. F'ħajjitha, Marija kisbet il-vera suċċess. Kif?

d. Agħti **<u>tliet</u>** eżempji ta' kif inti tista' ġġib ruħek bħal Marija fil-ħajja tiegħek ta' kuljum ma' sħabek tal-iskola.

2. **"Jiena ġejt fid-dinja biex ikollkom il-ħajja, u l-ħajja bil-kotra" (Ġw. 10, 10)**



***Wieġeb f'madwar 250 kelma dawn il-mistoqsijiet:***

a. Ikteb ġrajja mill-Vanġelu fejn Ġesù juri li għandu għal qalbu l-ħajja tal-bniedem.

b. Liema sagrament ħalla Ġesù f'idejn il-Knisja bħala sinjal tal-imħabba tiegħu lejn il-morda u x'effett iħalli dan is-sagrament fuq min jirċevih?

ċ. Bħala Nisrani, kif tista' tgħin lill-morda fil-komunità tiegħek? Agħti tliet eżempji.

d. In-Nisrani hu obbligat li jħares saħħtu u s-saħħa tal-oħrajn. Mela, ma jistax jaqbel mal-istqarrija: "Ħajti u saħħti huma tiegħi u nagħmel bihom li rrid!" Spjega.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. **"Dak li għaqqad Alla m'għandux jifirdu l-bniedem."** **(Mk 10, 9)**



***Wieġeb f'madwar 250 kelma dawn il-mistoqsijiet:***

a. X'inhuma l-għanijiet taż-Żwieġ Nisrani skont il-pjan t'Alla?

b. Iż-Żwieġ sagrament għandu jkollu fih dawn it-tliet kwalitajiet:
(i) l-indissolubilità (ii) il-fedeltà (iii) l-unità
***Fisser*** u ***għid*** kif in-Nisrani għandu jgħix dawn il-kwalitajiet.

ċ. Fl-ewwel ittra tiegħu lill-Korintin, San Pawl jistqarr li: "*L-Imħabba taf tistabar u tħenn..... ma tagħmlix dak li mhux xieraq, ..... ma żżommx f'qalbha għad-deni,.....imma tifraħ bil-verità.*"
(i) Kif il-miżżewġin huma msejħin biex jgħixu l-imħabba tagħhom fiż-żwieġ Nisrani?
(ii) Kif in-Nisrani, li hu msejjaħ biex jgħix iċ-ċelibat jew il-verġinità minħabba s-Saltna tas-Smewwiet, jista' jgħix din l-imħabba?

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers